MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 13/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Bonanno**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Bonanno talli fit-22 ta’ Marzu 2006 ghall-habta ta’ 07:45 hrs. f’Tal-Virtu`, Rabat:

(1) Waqt li kien jaghmilha ta’ driver tal-vettura BVY-026 ghabba jew garr numru ta’ passiggieri aktar minn dak stabbilit;

(2) Saq l-imsemmija vettura Nru. BVY-026 (Garage Hire) b’kiri jew b’ kumpens meta ma kellux tag mahruga mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta;

(3) Saq l-imsemmija vettura Nru. BVY-026 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan adatta mill-Kummissarju tal-Pulizija, jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex isuq l-imsemmija vettura;

(4) B'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Emanuel Bonanno jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Bonanno hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu [*recte:* regolament] 69(1)(2) ta' l-Avviz Legali 128/94, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-Avviz Legali 191/2002 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104, ikkundannatu ghall-hlas ta' *ammenda* komplessiva ta' Lm25 fuq l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u ghall-hlas ta' Lm1,500 fuq it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet. Inoltre skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Bonanno pprezentat fis-26 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena, jew jekk ikun il-kaz, tirrevedi l-piena inflitta u tirriduci l-istess u dan in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) huwa gie akkuzat li ghabba aktar persuni minn dak stabbilit mil-ligi izda ma ngabet ebda prova la dwar liema vettura kien qieghed isuq u lanqas ma ngabet l-ahjar prova dwar kemm attwalment seta' jgorr u kemm kien qieghed attwalment igorr passiggieri; (2) gie akkuzat li ma kellux licenzja adatta mentri fil-fatt huwa ghandu diversi licenzji biex isuq vetturi differenti ghall-garr tal-passiggieri u ilu hekk licenzjat ghal snin twal; (3) gie akkuzat ukoll li ma kienx kopert b'polza tas-sigurta` izda ma nghatax l-opportunita` mill-ewwel Qorti biex jipproduci x-xhieda tieghu f'dar-rigward biex juri li kien kopert.

Waqt is-smigh ta' dan l-appell, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet gew ammessi u ghaldaqstant mhuwiex il-kaz li din il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet dwar l-imsemmijin zewg imputazzjonijiet. Dwar l-imputazzjonijiet l-ohra, ix-xiehda rilevanti u li regghet semghet din il-Qorti hi s-segwenti:

**Brian Farrugia**, *legal officer* fil-*Licensing and Testing Directorate*, xehed illi l-appellant ghandu licenzja tal-Kategorija B sabiex isuq vetturi taht it-tliet tunnellati u nofs u li jista' jgorr tmien passiggieri oltre x-xufier. Qal li l-appellant ghandu wkoll il-code 183 b'*tag* sabiex jista' jsuq *taxi* u *garage hire vehicles*. Il-vettura Ford Transit BVY-026 ghandha *seating capacity* ta' hdax u ghalhekk ix-xufier jehtieg licenzja ta' Kategorija D1 flimkien mat-*tag*. Min ikollu licenzja tal-Kategorija B, jekk ikun sid il-vettura jinghata koncessjoni mill-ADT biex isuq vettura li ggorr hdax-il persuna wara li jkun kiteb ghal tali skop.

**Duncan Debattista**, li jahdem bhala *senior claims manager* ma' Citadel Insurance, xehed illi l-vettura BVY-026 hi koperta minn assigurazzjoni u l-minimu li tista' tkopri hi l-hsara lil terzi persuni. *"Kopertura se jkun hemm zgur."*

**L-appellant** xehed li hu direttur tas-socjeta` Benny's Operators Ltd. Qal li peress li hu wiehed mid-diretturi tal-kumpanija, hu kien jifhem li seta' jsuq il-vettura BVY-026. Irrefera ghal ftehim li kien sar bejn l-ghaqda tal-kiri tal-

karrozzi u l-ADT li min ikun sid ta’ vettura li jkollu licenzja biex isuq vettura 8 + 1 ikun jista’ jsuq vettura 10 + 1, izda ma kienx jaf li kellu jgib certifikat. Huwa kien prezenti ghad-diskussjonijiet izda ma kellu miktub imkien li ried japplika ghal certifikat. Certifikat issa ghandu kif jirrizulta mill-*counterpart driving licence* li tieghu esebixxa kopja. Il-vettura koperta b’assigurazzjoni.

Il-fatt li l-appellant ma kienx jaf li kellu japplika ghal certifikat li permezz tieghu kien ikun jista’ jsuq vetturi 10 + 1 ma jiskolpahx mir-responsabbilta`. Fil-gurnata in kwistjoni l-appellant kien qieghed isuq il-Ford Transit BVY-026 minghajr ma kellu l-licenzja adatta. Huwa kellu licenzja tal-Kategorija B meta suppost kellu, kif xehed Brian Farrugia, licenzja tal-Kategorija D1. Issa ghandu l-awtorizzazzjoni biex isuq il-vettura msemmija bil-licenzja tal-Kategorija B, izda fil-gurnata in kwistjoni ma kellux tali awtorizzazzjoni. Ghalhekk it-tielet imputazzjoni tirrizulta.

Dwar ir-raba’ imputazzjoni, l-appellant qieghed jinvoka s-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi** moghtija fit-3 ta’ Novembru 2005 fejn il-fattispecji kienu li Scuderi, fiz-zmien imsemmi fl-akkuza, ma kellux licenzja tas-sewqan pero` kien irrizulta li l-vettura minibus li kien qed isuq kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni.

F’dik il-kawza l-appellant kien silet b’success argument mill-artikolu 10(1) tal-Kap.104 li jghid testwalment hekk ;-

*“Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta’ sigurta’ taht is-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta’ li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta’ koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f’ dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista’ jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, ihallas lil-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta’ flus li ghandha tithallas bis-sahha ta’ dik is-sentenza dwar*

*ir-responsabbilta' fuq imsemmija …."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Is-subartikoli (2) u (3) imbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.

F'dik is-sentenza kien allura gie deciz li minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta` ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, ix-xufier ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.

Jidher li dan il-kaz bhala fattispecji hu simili hafna ghal dak ta' **Scuderi,** fejn ukoll irrizuta li l-appellant kien qed isuq Mini Bus li kien assikurat pero` hu ma kellux licenzja.

Il-prosekuzzjoni pero` qed tissottometti illi galadarba l-appellant ma kellux licenzja idoneja, allura ma kienx assigurat.
Tajjeb ghalhekk li ssir referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Galea** fis-7 ta' Mejju 2007 fejn il-fattispecji kienu wkoll simili. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

**Illi l-Avukat Generali ssottometta li bejn l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lill-artikolu 10(1)(2) u (3) fil-kaz ta' Scuderi fuq citat u l-artikolu 3(1A) tal-**

**Kap.104 jista' jkun hemm certa kontradizzjoni apparenti.** [1]

**Din pero' fil-fehma tal-Qorti, kif gja` gie ritenut fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Stefan Apap" [26.4.2007], hija biss apparenti w tista' tigi rikonciljata. Di fatti fejn ikun jidher *prima facie* ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita` Dwar it-Trasport li l-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiv prevalenti llum, necessarjament koperta b'polza ta' assikurazzjoni, kif inhu l-kaz prezenti u kif kien dak ta' Scuderi, jibqa' dejjem jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti.**

**Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment ukoll ma tkunx koperta b'polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta fl-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-art. 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.**

**Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita` Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap.104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn ikun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art. 3(1A).**

**Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovina jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta**

---

[1] *B' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (T. Mallia J.) "**L-Avukat Dottor Alfred Grech vs.L-Avukat Generali"** tas-27 t' April, 2007 , gie deciz li l-art. 3 (1A) tal-Kap. 104 ma jmurx kontra l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta, L-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea.*

**assikuratrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3(1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t'assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi."**

Fil-kaz in ezami, il-vettura in kwistjoni kienet licenzjata u anke koperta b'polza ta' assikurazzjoni. Il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li kien hemmxi wahda jew aktar mic-cirkostanzi li jezentaw lill-assikuratur milli jhallas. Anzi r-rapprezentant ta' l-assikurazzjoni kkonferma li f'kaz ta' hsara lil terzi l-assikurazzjoni kienet thallas. Konsegwentement ir-raba' imputazzjoni ma tirrizultax.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa l-appell limitatament fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat lill-appellant hati ta' l-ewwel tliet imputazzjonijiet w fejn ikkundannatu jhallas ammenda ta' Lm25 fuq l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, tirrevokaha fejn sabitu hati tar-raba' imputazzjoni ta' sewqan bla ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni u fejn ikkundannatu ghall-multa ta' elf u hames mitt liri Maltin (Lm1500) fuq it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u fejn ukoll skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data ta' l-istess sentenza u minflok ma ssibux hati tar-raba' imputazzjoni u minnha tilliberah u konsegwentement tikkundannah ghal multa ta' mitt liri Maltin (Lm100) fuq it-tielet imputazzjoni w tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tmint ijiem li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------